# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH
## B.A. LL.D. MAG. JUR. (EUR LAW)

**Rikors Numru: 109/2006 SG**

**Ir-Reġistratur tal-Qorti (Għawdex)**

**vs**

**L-Avukat Dottor Monica Vella bħala prokuratriċi tal-imsiefra Josephine Azzopardi u John Vella**

**Illum l-Erbgħa, 6 ta' Ottubru 2021**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat tar-Reġistratur tal-Qorti (Għawdex) ippreżentat fit-22 ta' Settembru 2006 li permezz tiegħu ġie premess u mitlub is-segwenti:

*"1. Illi permezz ta' talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni numru 79/2005 fl-ismijiet "Soċjeta' tad-Duttrina Nisranija M.U.S.E.U.M. vs l-Avukat Dottor Monica Vella bħala prokuratriċi ta' l-imsiefra Josephine Azzopardi u John Vella" ippreżentat fis-27 ta' Ottubru 2005, ir-rikorrenti s-Socjeta' tad-Duttrina Nisranija M.U.S.E.U.M. talbet illi l-intimati l-avukat Dottor Monica Vella bħala prokuratriċi tal-imsiefra Josephine Azzopardi u John Vella jiġu inibiti milli jagħmlu xogħol kwalsiasi fuq xi parti mill-fond numru sitta u tmenin (86) - illum magħruf bħala numru tnejn u għoxrin (22) - Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex, inkluż il-bitħa u l-mandra retrostanti. Dana peress illi l-pussess ta' din il-bitħa u mandra jifforma oġġett ta' kawża pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti, Citaz. Nru. 94/2001 u x-xogħolijiet illi qegħdin isiru mill-intimati huma ntiżi sabiex b'xi mod jbiddlu*

*l-istat ta' fatt eżistenti, u jkomplu jaffaċċjaw lill esponenti b'fatt kompjut b'tali mod u manjiera illi d-drittijiet tal-esponenti fuq dawn l-immobbli jiġu rremedjabilment pregudikati, u jsir dejjem aktar diffiċli għalihom illi darba tiġi deċiża l-kawża ta' spoll, jieħdu lura l pussess legittimu illi huma kellhom fuq dan il-fond.*

2. *Illi permezz ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti ta' l-istess jum, din it talba ġiet milqugħa proviżorjament. Fis-16 ta' Novembru 2005, dina 1 Onorabbli Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti u ordnat il-ħruġ ta' l opportun mandat t'inibizzjoni kontra l-intimati.*

3. *Illi permezz ta' rikors ippreżentat fil-21 ta' Frar 2006, ir-rikorrenti s Soċjeta' tad-Duttrina Nisranija M.U.S.E.U.M. ġibdu l-attenzjoni ta' dina l Onorabbli Qorti illi l-intimat "f'dawn l-aħħar jiem appositament u dolożament bdew jinjoraw l-ordni ta' din l-Onorabbli Qorti billi għalqu waħda mit-twieqi illi mill-fond proprja jagħtu għal fuq il-bitħa retrostanti."*

4. *Illi permezz ta' digriet tal-4 ta' April 2006, dina l-Onorabbli Qorti ordnat, illi billi jidher illi prima facie li l-intimati, wara l-ħruġ ta' dan il-mandat għamlu xi xogħolijiet li kienu projbiti bl-istess mandat u għalhekk hemm lok li jittieħdu proceduri għad-disprezz lejn l-awtorita' tagħha fil-konfront tal-intimat, għandhom jittieħdu proceduri għad-disprezz tal-Awtorita' tagħha a kura tal-attur fil-konfront tal-konvenuti billi dawna kisru l ordnijiet ta' dina l-Onorabbli Qorti kif mogħtija fil-mandat in kwistjoni.*

5. *Illi peress illi l-aġir tal-konvenuti jikkostitwixxi disprezz lejn l-awtorita' ta' dina l-Onorabbli Qorti.*

*Għaldaqstant, jgħidu l-konvenuti Vella għala dina l-Onorabbli Qorti, m'għandhiex in vista tas-suespost:*

i. *Tiddikjarahom ħatja ta' disprezz lejn l-awtorita' ta' dina l-Onorabbli Qorti.*

ii. *Konsegwentwentement tikkundannahom għal xi waħda mis-sanzjonijiet ikkontemplati fit-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u senjatament, l-artiklu 997 tal-Kap. 12 u*

ii. *Tordnalhom ineħħu kwalunkwe inkonvenjent li jirriżulta li għadu ma' tneħħiex u li sar in kontavenzjoni tal-mandat t'inibizzjoni maħruġ fis-16 ta' Novembru 2005.*

*Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenut in subizzjoni."*

Rat ir-risposta ta' l-Avukat Dottor Monica Vella noe u John Vella ppreżentata fl-20 ta' Novembru 2006 fejn ġie eċċepit li:

*"1. Illi l-intimata konvenuta l-Avukat Dottor Monica Vella ma hiex prokuratrici tal-imsiefra Josephine Azzopardi, iżda hija biss il-konsulent legali ossija l-Avukat ta' l-imsemmija*

*Josephine Azzopardi, ghaldaqstant l-esponenti ma setghet qatt tigi mharrka bhala prokuratrici ta' l-imsemmija Josephine Azzopardi u kull procedura li ttiehdet kontra l-esponenti qua prokuratrici ta' l-imsemmija Josephine Azzopardi, hija nulla u minghajr ebda effettu validita fil-ligi, inkluz ir-rikors prezenti. Ghaldaqstant l-intimata konvenuta l-Avukat Dottor Monica Vella ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti attur;*

2. *Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-intimati konvenuti ma humiex proprietarji tal-fond li dwaru kien sar il-Mandat ta' Inibizzjoni u li a bazi tieghu qed jagixxi r-rikorrenti attur, u ghaldaqstant l-intimati konvenuti ma jistghux jinzammu responsabbli ghal kwalunkwe haga, tkun li tkun, li ssir ftali proprjeta, stante illi huwa l-proprjetarju li jiddeciedi u jikkontrolla dak kollu li jsir fil proprjeta tieghu;*

3. *Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-imsemmija intimati konvenuti ma jistghux jinzammu responsabbli ghal kwalunkwe azzjoni li tiehu l-imsiefra Josephine Azzopardi fil-proprjeta taghha;*

4. *Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-intimati konvenuti ma'ghandhom l-ebda interess guridiku u l-ebda kapacita guridika u legali fuq l-imsemmija proprjeta u dak kollu li jsir fiha u ghaldaqstant ma jistghux jinzammu responsabbli ghall-imsemmija proprjeta u dak kollu li jsir fiha;*

5. *Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, ir-rikorrenti attur irid juru fhiex jikkonsisti l-allegat disprezz u li kienu l-intimati konvenuti li wettqu tali azzjoni li jikkostitwixxi l-allegat disprezz;*

6. *Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-intimati konvenuti sal-lum ghadhom ma jafux b'liema att qed jigu akkuzati li bih wettqu disprezz lejn din l-Onorabbli Qorti u r-rikorrenti attur ghandu jindika u jiddikjara car u tond fhiex jikkonsisti dan id-disprezz, dan peress illi kwalunkwe xogholijiet li saru, saru fil-proprjeta ta? Josephine Azzopardi u fuq istruzzjonijiet ta' l-imsemmija proprjetarja;*

7. *Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-intimati konvenuti personalment ma taw l-ebda ordni sabiex jsiru xi atti kontra l-ordnijiet ta' din l-Onorabbli Qorti u ghaldaqstant l-intimati konvenuti ma jistghux jinzammu responsabbli ghal kwalunkwe azzjoni li setghet hadet l-imsemmija Josephine Azzopardi nfisha, jew li setghu hadu terzi persuni fuq ordnijiet taghha;*

8. *Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kawza illi giet intavolata sabiex jigi sostnut l-imsemmi Mandat ghadha sub judice, u ghaldaqstant ghad ma hemmx decizjoni definittiva minn din l-Onorabbli Qorti dwar il-mertu ta' l-istess Mandat. Ghaldaqstant dan ir-rikors huwa prematur u sar intempestivament;*

*Ghaldaqstant ir-rikors odjern ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra r-rikorrenti attur.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt."*

Rat li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta;

Rat l-atti kollha tal-kawża inklużi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 79/2005.

Rat li minkejja li din il-Qorti tat żmien għall-prezentata ta' noti ta' sottomissjonijiet da parti tal-partijiet, dawn baqgħu qatt ma ppreżentaw l-ebda nota;

Rat li din il-kawża kienet differita għas-sentenza;

**Ikkunsidrat**

Fis-smigħ ta' din il-kawża, xehed il-Marixxal Joseph Xuereb li spjega li kien hemm mandat ta' inibizzjoni maħruġ fl-ismijiet is-Soċjeta' tal-MUSEUM vs Dottor Monica Vella noe fis-27 ta' Ottubru 2005 u huwa sab lil John Vella fuq il-post indikat. Spjega li huwa kien tah is-solita twissija u waqqfu mill-bini. Mir-riferta jirriżulta li kien hemm il-ħajt mwaqqa', gaffa u filata biss poġġuta. Spjega li huwa nnotifika wkoll lil Dr Monica Vella dik il-ġurnata stess fil-ħdax u nofs ġewwa l-uffiċċju legali tagħha. Sostna li huwa ma reġax mar fuq il-post.

In kontroeżami, huwa kkonferma li Dottor Monica Vella ma kinitx fuq is-sit in kwistjoni u kien hemm John Vella bil-ħaddiema. Spjega li l-mandat kien ikopri xogħol partikolari u in fatti, Vella ta struzzjonijiet lil ħaddiema biex jaħdmu fuq in-naħa l-oħra. Spjega li kien hemm ħajt tas-sejjieħ fi sqaq li kien imwaqqa'. Spjega li fil-bitħa kien hemm imħaffer pedamenti u tpoġġiet filata. Spjega li kien hemm żewġ ħitan, ħajt fuq wara u ħajt li kien tiela'. Spjega li ż-żewġ ħitan ma kinux sħaħ u l-ħajt tas-sejjieħ kien twaqqa' biex ikun jista' jgħaddi bl-inġenjji minn fuqu. Kien hemm ħajt ta' qasma bejn żewġ proprjetajiet u ħajt tas-sejjieħ fuq wara.

In rieżami, huwa spjega li huwa ma telax fuq il-bejt u għalhekk ma jistax jgħid jekk kienx ra tieqa partikolari li ġie muri. Sostna li isfel kien imwitti kollu.

Dottor Carmelo Galea spjega li kien hemm żewġ kawżi pendenti bejn is-soċjeta' tal-Mużew u Dr Monica Vella bħala mandatariċi ta' Josephine Azzopardi li kienu jirrigwardaw mandra u bitħa li huma qegħdin in parti wara jew fejn kellhom il-mużew xi żmien ilu. Spjega li din kienet proprjeta' imħollija nofsha b' legat lil tal-mużew u nofsha lil Josephine Azzopardi. Spjega li kien hemm kwistjoni fuq il-proprjeta' tal-mandra ta' wara. Spjega li kien hemm il-biża' li Josephine Azzopardi tagħmel xi xogħol fuq din il-bitħa u l-mandra ta' wara ta' dawn il-postijiet. Għalhekk kien sar il-mandat ta' inibizzjoni. Sostna li kien sar rikors għal disprezz għaliex minkejja li ngħata digriet dwar dan il-mandat, sar xi xogħolijiet fuq din il-bitħa, fuq xi kmamar żgħar li jiffurmaw parti minnha u anke fuq il-gallerija jew xi tieqa li tħares fuq din il-bitħa.

Spjega li kien hemm tieqa fuq il-bejt li ngħalqet b' żewġ kantuni. Spjega li fuq il-ħajt, baqa' tiela' b' xi tlett filati oħra. Dan kollu seħħ wara li kien inħareġ il-mandat ta' inibizzjoni. Spjega li huwa sar jaf b' dan mingħand il-klijenti tiegħu.

In kontroeżami, huwa kkonferma li din it-tieqa li rrefera għaliha tagħti għal fuq terrazzin. Spjega li huwa ma kienx mar fuq il-post qabel ma' nħareġ il-mandat u għalhekk ma jistax jikkonferma bil-ġurament tiegħu f' liema stat kienu l-ambjenti.

Francis Attard xehed li l-fond 22 Triq Santa Katerina Xewkija kien proprjeta' tal-mużew sezzjoni bniet Xewkija u meta kien ikun hemm bżonn, kienu jitolbu l-għajnuna tiegħu. Spjega li dan il-post kien oriġinarjament post wieħed. Spjega li minnu kien inqata' terz liema terz ġiet segregat. Il-kumplament inxtara minn Dun Frangisk Debono u John Spiteri. Dun Frangisk Debono kien ta sehmu użu lill-Mużew u f' xi żmien qabel ma' miet, għamel testment fejn ħalla sehmu lil mużew. John Spiteri ħallih lil bintu Josephine Azzopardi. Spjega li meta saret il-qasma, saret dikjarazzjoni eżatta ta' kif irid jinqasam dan il-post. Spjega li kien hemm deskritt x' xogħolijiet riedu jsiru. Spjega fost oħrajn li kien hemm apertura li ma kienx fiha l-injam li kellha tingħalaq meta ssir id-diviżjoni kompleta. Spjega li din tinsab fejn terrazzin li jiġu fuq tal-mużew. Spjega li fl-atti tal-mandat, tidher it-tieqa miftuħa u tidher li hija antika.

Spjega li l-mandat inħareġ sabiex ma jsirux xogħolijiet dwar dak li hemm imniżżel dwar id-diviżjoni. Ix-xogħolijiet kienu qed isiru minn Dr Vella għan-nom ta' Josephine Azzopardi. Spjega li kien hemm kawża fejn Dr Vella assumiet l-atti f' isem Josephine Azzopardi. Spjega li kienet dejjem Dr Monica Vella li rrispondiet u mhux bħala avukat iżda bħala mandatarja ta' Josephine Azzopardi. Spjega li x-xogħol kienu qed jitwettqu mill-kuntrattur John Vella li jiġi hu Dr Monica Vella. Sostna li sa dakinhar li nħareġ il-mandat, din it-tieqa ma kinitx minsusa. Sostniet li wara li nħareġ il-mandat ta' inibizzjoni, il-blata ta' fuq din it-tieqa ġiet maqlugħa. Spjega li dan il-ġebel li kien antik tpoġġa fuq l-ewwel filata vojta u fuq it-tieni tpoġġew kantuni ġodda. Spjega li llum ix-xogħolijiet tkomplew bi tlett filati oħra u llum komplew telgħin u sar il-bejt. Ikkonferma li Giovann Vella kien qed jaħdem bil-ħaddiema tiegħu fuq dan il-proġett. Sostna li anke l-ħajt tal-bitħa nqala u reġa' tela' parti minnu u llum huwa mkaħħal. Sostna li dan sar ukoll wara li nħareġ il-mandat ta' inibizzjoni.

Josephine Azzopardi xehdet li hija sid id-dar bl-indirizz 20, Triq Santa Katerina u ilha għandha mill-1954. Spjegat li hija bdiet tirranġa din id-dar għal ħabta tal-2004 u nkarigat lil Giovann Vella. Spjegat li Vella bena żewġt ikmamar tas-sodda fis-sular ta' fuq. Spjegat li Dottor Monica Vella hija l-avukata tagħha. Ikkonfermat li hija ħatret lil Dottor Monica Vella biex tirrappreżentaha. Sostniet li hija ma tistax tifhem liema tieqa ngħalqet. Sostniet li ma kienx hemm twieqi li kienu għadhom miftuħin u li jagħtu mill-post tal-mużew għal fuq il-bitħa tagħha. Sostniet li kien hemm ċint ta' tlett jew erba' filati ġebel. Ċaħdet li kien hemm bibien mfarrkin bejn il-post tagħha u l-post l-ieħor tal-mużew. Sostniet li qabel ma rranġat il-post, kienet marret xi tlett darbiet f'

dak il-post għaliex hi għamlet żmien twil imsiefra. Sostniet li qabel il-post kien mikri għal 65 sena. Spjegat li l-inkwilini mietu fl-2001. Spjegat li hija qabel ma' bdiet tirranġa l-post marret tarah.

Spjegat li l-mandat sar wara li l-ħitan u l-kmamar tas-sodod kienu lesti. Ikkonfermat li l-mandat sar biex hija tinżamm milli tagħmel xogħolijiet fil-mandra. Sostniet li hija kienet naddfet parti mill-mandra. Sostniet li hija tat struzzjonijiet biex il-mandra tinżamm nadifa. Insistiet li Giovann Vella qatt ma kellu x' jaqsam mal-mandra peress li huwa kien ha ħsieb biss il-bini ta' żewġ kmamar tas-sodda fis-sular ta' fuq biss. Hija ċaħdet li saru xi xogħolijiet fil-bitħa. Spjegat li kien ser isir taraġ mill-bitħa iżda ġiet mwaqqfa milli tagħmlu. Ċaħdet li kienu ngħalqu xi twieqi.

In kontroeżami, hija kkonfermat li hija ħatret lil Dr Monica Vella bħala l-avukata tagħha. Hija spjegat li ma kinitx għamlet prokura a favur ta' Dr Monica Vella biex tidher f' isimha f' dawn il-proċeduri kontra tal-mużew. Ikkonfermat li t-taraġ imbagħad kien sar minn ġol-family room u mhux mill-bitħa.

In rieżami, Josephine Azzopardi sostniet li kienet tat prokura lil Dottor Monica Vella biex tmur iġġibilha ċ-ċavetta tal-post mill-Qorti. Ikkonfermat li fuq ix-xogħolijiet, hija kellha x' taqsam ma' Giovann Vella.

Dottor Monica Vella xehdet fejn spjegat li Josephine Azzopardi kienet klijenta tagħha iżda hija qatt ma kellha xi prokura fir-rigward ta' dawn il-proċeduri li ġew istitwiti fil-konfront ta' Josephine Azzopardi u lanqas fir-rigward tal-kawżi preċedenti li taw lok għal dawn l-istess proċeduri. Spjegat li hija qatt ma tat l-ebda struzzjonijiet rigwardanti xogħoliiet li kienu għaddejjin.

In kontroeżami, hija spjegat li hija ma kellha x' taqsam xejn max-xogħolijiet. Sostniet li hija aċċettat li tkun l-avukat ta' Josephine Azzopardi biss. Sostniet li hija qatt ma għamlet xi proċedura biex jinħatar xi ħadd ħalli jirrappreżenta lil Josephine Azzopardi.

John Vella xehed li huwa kien għamel xi xogħol ta' bini fil-proprjeta' ta' Josephine Azzopardi. Spjega li f' xi żmien Azzopardi nfurmatu biex ma jkomplix fil-bitħa tagħha għaliex kellha xi kwistjoni ma' tal-mużew. Spjega li l-bini li sar ma kienx fil-bitħa. Sostna li għalhekk huma kienu komplew jibnu estensjoni fil-mandra ta' wara, jiġifieri ġol-proprejta' tagħha li fuqha ma kienx hemm kwistjonijiet ma' tal-mużew. Spjega li huwa imbagħad kien beda jibni banda oħra u kien kompla x-xogħol ħaddieħor. Spjega li kien hemm taraġ li kellu jsir fil-bitħa iżda huwa spiċċa ma għamlux.

Ikkonfermat li meta ġie nfurmat bil-mandat, ix-xogħol fil-kamra tal-banju fil-proprjeta' ta' Josephine Azzopardi kien ġia' lest. Sostna li huwa ma reġax daħal fl-ambjenti in kwisjtoni wara li ġie nfurmat li ma kellux jidħol minħabba l-mandat. Spjega li hu u l-ħaddiema tiegħu ħadu ħsieb biss il-bini, iżda huwa kien ra ħaddiema

oħra ġo dan il-fond wara li kien telaq minn dak il-lant. Spjega li huwa kien ra kaħħal f' din il-proprjeta' li kien daħal warajh.

Fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 79/2005, kienu nstemgħu s-segwenti xhieda:

Mary Jane Xuereb xehdet li hija tirrappreżenta lill-Mużew u li fil-bejt jew bitħa ta' fuq, kien hemm tieqa li kienet miftuħa. Eżebiet DOk MJX1 u 2 li juru din it-tieqa qabel ma' saru x-xogħolijiet minn John Vella fuqha. Ir-ritratti kienu meħuda fit-30 ta' Ottubru 2005. Sostniet li John Vella kisser il-forma tat-tieqa u għalaqha b' ġebel Qadim u fuq dan l-istess ħajt għolla dawn il-filati l-ġodda. Dan ix-xogħol minn John Vella u l-ħaddiema tiegħu seħħ fil-bidu ta' Jannar 2006.

In kontroeżami, hija spjegat li r-ritratti ħadhom in-neputi tagħha Joseph Xuereb. Il-ħajt li jidher fir-ritratti jiġi fuq il-bejt u għollieh xi tlett filati oħra. Spjegat li l-ħajt jiġi fejn hemm terrazzin u hemm il-loġġoġ magħluqin. Ikkonfermat li dan il-ħajt jifred il-mużew mill-proprjeta' ta' Josephine Azzopardi. Ikkonfermat li l-bejt huwa tagħhom u aċċessibbli mill-proprjeta' tagħhom. Spjegat li l-kamra ta' taħt dak il-bejt hija ta' Josephine Azzopardi. Sostniet li ġo dan il-ħajt diviżorju kien hemm apertura f' forma ta' tieqa.

Spjegat li l-mandat ta' inibizzjoni kien sar fuq isfel għax kien qed jippjanta ġol-bitħa t' isfel. Kien jinkorpora wkoll anke l-mandretta. Ikkonfermat fuq din l-apertura f' forma ta' tieqa ma kinitx għamlet mandat. Lanqas ma għamlet fuq dan il-ħajt diviżorju li jinsab fil-parti ta' fuq tal-proprjeta'. Sostniet li hija rat lil ħaddiema ta' John Vella jaħdmu f' dik il-propjreta' u kif warrbet minn hemm, it-tieqa ngħalqet. Sostniet li rat lil ħaddiema jaħdmu fuq dak il-ħajt. Hija kkonfermat li l-parti ndikata bil-kulur blu u annessa mar-rikors promotur tal-mandat ta' inibizzjoni tirrigwarda l-bitħa t' isfel u l-mandretta ta' wara.

Francis Attard ikkonferma li Dok MJX 1 huwa meħud minn fuq l-bejt tal-mużew u fih tidher it-tieqa. Sostna li din it-tieqa kienet ilha miftuħa huwa mmarka bl-ittra X fuq il-pjanta annessa mar-rikors promotur tal-mandat ta' inibizzjoni l-pożizzjoni fejn tinsab it-tieqa. Spjega li Dok MJX 3 jidhru tlett filati ġodda. Sostna li dawn ma kinux hemm qabel Ottubru 2005. Sostna li qatt ma kien hemm apertura ta' l-injam ma' din it-tieqa.

In kontroeżami, huwa spjega li jaf li l-apertura ngħalqet iżda ma raħx ix-xogħol isir. Spjega li fil-pjanta annessa mar-rikors tal-mandat ta' inibizzjoni ma jidhirx is-sular ta' fuq. Sostna li dan il-ħajt fejn hemm l-apertura huwa parti mill-fond numru 22 Triq Santa Katerina. Huwa spjega li jaħdem il-Qorti iżda kien qara u fehem il-kuntratt ta' diviżjoni.

**Ikkunsidrat**

**Punti ta' dritt**

Din il-Qorti tagħmel referenza għal dak deċiż fil-kawża bin-numru 399/18TA fl-ismijiet Id-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali bħala Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali vs Peter Zammit (ID 374870 (M)) deċiża fil-15 ta' Lulju 2021, fejn intqal is-segwenti:

*"3. Din hija proċedura għad-disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti ai termini tal-artikoli 997 et sequens tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Il-posizzjoni legali f'dan ir-rigward hija spjegata tajjeb fis-Sentenza fl-ismijiet Reġistratur tal-Qrati Superjuri -vs- Kristinu Giordmaina tal-25 ta' Settembru 2003 fejn intqal hekk:*

*"Il-proċedura ta' disprezz għandha natura partikulari. Hija maħsuba biex tħares ir-rispett li għandu jingħieb lill-Qorti. Waħda mis-setgħat ewlenin ta' kull Qorti hija li tagħti ordnijiet lil xi ħadd, kemm jekk biex il-persuna tagħmel xi ħaġa jew biex dik il-persuna ma tagħmilx xi ħaġa . Kif jgħallem Lord Denning, 'This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of Court. It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt. (In re Bramblevale Limited – 1970)."*

*Illi minbarra dan xilja ta' disprezz iġġib magħha l-ħtieġa li tiġi ppruvat, minn min qiegħed jixli, il-fehma tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u b'konsegwenza ta' hekk l-awtorita' tagħha. Illi madankollu din l-intenzjoni ma tiddependix minn jekk il-persuna mixlija tqisx l-ordni mogħtija lilha bħala wieħed korrett jew le; is-siwi ta' dik l-ordni, sakemm ma jitħassarx' b'ordni ieħor tal-Qorti nnifisha jew ta' Qorti oħra, huwa raġuni oġġettiva li torbot lill-mixli li joqgħod għaliha, jaqbel jew ma jaqbilx magħha. Hekk stabbilew il-Qrati tagħna, ukoll fejn wara rriżulta li l-ordni tal-Qorti kien wieħed null u bla siwi. (Ara Appell Ċivili, fl-ismijiet Edward Camilleri vs Carmelo Vella tas-7 ta' Ottubru 1997)."*

*4. Din il-Qorti tkompli tosserva li l-Attur, f'kawżi bħal dawn, m'għandu xejn x'jirbaħ għajr li jiżgura li tkun imħarsa l-amministrazzjoni tal-ġustizzja (Ara Vol. LXXIV-iii-546).*

*5. Di piu' dan l-Istitut tal-liġi għandu importanza doppja. Dik li jinżamm ir-rispett lejn l-ordnijiet tal-Qrati biex għalhekk tkun konservata d-dinjita' istituzzjonali tagħhom u dik li tintlaħaq fil-finalita' koattiva tal-liġi. Li kieku kull persuna titħalla tisfida l-ordnijiet tal-Qrati b'impunita', l-iskop teoloġiku legali tal-liġi u cioe' li ordnijiet tal-Qrati ikunu esegwiti materjalment u kontra kull resistenza fiżika, jitħalla li jkun eluż. Dan l-Istitut qiegħed hemm biex jassigura li l-ordnijiet tal-Qrati ma jittieħdux bħala gwida etika, iżda li għandhom warajhom bis-saħħa kollha legali għall-esekuzzjoni tagħhom skont il-liġi posittiva."*

**Ikkunsidrat:**

Mill-provi prodotti kemm fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni 79/2005 u l-atti odjerni, jirriżulta li ġie premess li wara li l-mandat ta' inibizzjoni kien milqugħ fis-16 ta' Novembru 2005, l-intimati dolożament injoraw l-ordni tal-Qorti u għalqu waħda mit-twieqi li mill-fond jagħtu għal fuq il-bitħa retrostanti. Fl-4 ta' April 2006, din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta kienet ordnat li billi prima facie jidher li wara l-ħruġ ta' dan il-mandat, l-intimati għamlu xi xogħolijiet li kienu projbiti bl-istess mandat, hemm lok li jittieħdu proċeduri ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti.

Din il-proċedura saret fil-konfront ta' żewġ persuni u ċioe Dottor Monica Vella bħala prokuratriċi tal-imsiefra Josephine Azzopardi u John Vella.

Dwar il-pożizzjoni ta' Dottor Monica Vella, fl-atti ta' din il-kawża, hija sostniet li hija ma hiex prokuratriċi tal-imsiefra Josephine Azzopardi, iżda hija biss il-konsulenta legali ta' l-istess Azzopardi. Mix-xhieda ta' Dottor Monica Vella u kif ukoll mix-xhieda ta' Josephine Azzopardi, jirriżulta li Josephine Azzopardi kienet inkarigat lil Dottor Monica Vella bħala avukata tagħha iżda mhux bħala l-persuna li għandha tidher f' isimha bħala mandatarja tagħha. Nonostante li din l-eċċezzjoni ma tqajjmitx formalment fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni u lanqas waqt is-smigħ tar-rikors għal disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti, jidher li waqt is-smigħ tar-rikors għal disprezz, preċiżament waqt ix-xhieda li kienet qed tingħata minn Francis Attard, Dottor Monica Vella nsistiet li hija kienet biss l-avukata ta' Josephine Azzopardi. Huwa minnu li mandat jista' jingħata anke b' mod verbali iżda mill-provi li tressqu fis-smigħ ta' din il-kawża, u ċioe' mix-xhieda mogħtija minn Josephine Azzoardi u minn Dottor Monica Vella, ma jirriżultax li din ta' l-aħħar qatt ngħatat l-awtorizazzjoni li taġixxi bħala mandatriċi ta' Josephine Azzopardi. Għaldaqstant, din il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel eċċezzjoni mressqa.

Dwar il-pożizzjoni ta' John Vella, jirriżulta li dan kien kuntrattur li tqabbad jagħmel xi xogħolijiet fuq il-proprjeta' ta' Josephine Azzopardi. Kien il-persuna li l-marixxal li mar jeżegwixxi l-mandat sab fuq il-post u nfurmah li ma jistgħux jitkomplew ix-xogħolijiet. John Vella wkoll spjega li huwa kien ingħata struzzjonijiet minn Josephine Azzopardi biex ma jagħmilx xogħolijiet fil-bitħa u fil-mandra in vista ta' dan il-mandat. Josephine Azzopardi xehdet fis-sens li John Vella u l-ħaddiema tiegħu kienu bnewlha xi kmamar tas-sodda fis-sular ta' fuq. Għalkemm huwa minnu li John Vella ma huwiex is-sid ta' din il-proprjeta, il-mandat ta' inibizzjoni kien ġie ntavolat anke f' ismu. Il-Qorti tqis li ġialadarba huwa kien ukoll intimat f' dak il-mandat, iktar u iktar kellu joqgħod attent li jsegwi u jobdi l-ordnijiet mogħtija mill-Qorti fl-atti ta' dan il-mandat.

Għandu jingħad ukoll li l-Mandat ta' inibizzjoni kien ikopri mhux biss il-bitħa u l-mandra retrostanti iżda wkoll kull parti mill-fond numru 86, illum magħruf bħala 22,

Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex. Mir-ritratti eżebiti fl-atti tal-mandat u ċioe' DOk MJX 1 sa MJX3 jirriżulta li kien hemm apertura li sussgwentement ġiet magħluqa. Dan kollu ġie kkonfermat mix-xhieda prodotti kemm fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni u kif ukoll fl-atti ta' din il-kawża. Irriżulta wkoll mix-xhieda mogħtija li din l-apertura kienet għadha miftuħa meta sar il-mandat ta' inibizzjoni iżda ngħalqet xhur wara li nħareġ il-mandat ta' inibizzjoni.

Il-Qorti qieset ukoll il-provi l-oħrajn u dokumenti esebiti. Huwa paċifiku wkoll li l-akkuża ta' disprezz iġġib magħha l-ħtieġa li tiġi ppruvata, minn min qiegħed jixli, l-intenzjoni tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u b'hekk l-awtorita` tagħha. (ara Sentenza fl-ismijiet Reġistratur tal-Qorti Superjuri vs Anna Mizzi, P.A. deċiża fit-12 ta' Diċembru 2001). Mingħajr din l-intenzjoni ma jsir l-ebda disprezz. (ara Sentenza f'Vol LXVII.II.7 u dik fl-ismijiet Direttur Qrati Ċivili u Tribunali vs Joseph Tonna, P.A. (JZM) deċiża fil-11 ta' April 2011).

Fil-fehma ta' din il-Qorti din l-intenzjoni ta' sfida da parti tal-konvenut John Vella ma rriżultatx ippruvatha. Lanqas ma tressqu provi sodisfaċenti li kien proprju dan John Vella li eżegwixxa l-għeluq ta' din l-apertura in kwistjoni jew li tali xogħolijiet saru minn ħaddiema tiegħu fuq struzzjonijiet mogħtija minnu. Il-Qorti għalhekk sejra ukoll tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront ta' John Vella.

**Decide**

Għar-raġunijiet hawn fuq premessi, din il-Qorti qed taqta' u tiddeċidi din il-kawża billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni mressqa minn Dottor Monica Vella noe u tillibera lil Dottor Monica Vella mill-osservanza tal-ġudizzju, filwaqt li qed tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront ta' John Vella u tilqa' is-seba' eċċezzjoni mressqa minn Dottor Monica Vella noe et.

Bl-ispejjeż għandhom jiġu sopportati mir-Reġistratur tal-Qorti (Għawdex).

(ft) Simone Grech
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur